

Brussell, 22 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10137/22  
PV CONS 37  
COMPET 492  
IND 228  
MI 469  
RECH 372  
ESPACE 70

**ABBOZZ TA' MINUTI**  
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA  
(Kompetittività (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju))  
9 u 10 ta' Ġunju 2022

## WERREJ

Pàgna

1.	Adozzjoni tal-aġenda .....	4
2.	Approvazzjoni tal-punti "A" Lista mhux leġislattiva .....	4

### Deliberazzjonijiet leġislattivi

#### SUQ INTERN U INDUSTRIJA

3.	Direttiva dwar il-krediti għall-konsumatur .....	4
4.	Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tiġid tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (Regolament dwar is-semikondutturi) .....	4

### Attivitajiet mhux leġislattivi

5.	It-tiġid tar-reżiljenza tal-ekosistemi industrijali strateġiċi tal-Ewropa .....	4
----	---	---

### Affarijiet oħra

6.	a) Proposti leġislattivi attwali .....	5
	Direttiva rigward l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika	
	b) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss .....	5

#### RIĊERKA

7.	Konklużjonijiet dwar il-missjonijiet Ewropej .....	5
8.	Konklużjonijiet dwar il-valuri u l-prinċipji għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni .....	5
9.	Konklużjonijiet dwar l-evalwazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-xjenza miftuħa .....	5
10.	Appoġġ għar-riċerkaturi żgħażaġh fi żminijiet ta' kriżi .....	6

#### SPAZJU

11.	Konklużjonijiet dwar Copernicus sal-2035 .....	6
12.	Konklużjonijiet dwar approċċ tal-UE għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali .....	6
13.	Reżiljenza u kompetittività tal-programm spazjali tal-Unjoni .....	6

## Affarijiet oħra

### Riċerka

14.	a)	Avvenimenti u attivitajiet matul il-Presidenza Franċiża.....	6
	b)	Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-governanza l-ġdida taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.....	6
	c)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss.....	7
	<u>Spazju</u>		
	d)	Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss.....	7
ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill.....			8

\*\*\*

## LAQGĦA TAL-ĦAMIS 9 TA' ĠUNJU 2022

### 1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 9634/22.

### 2. Approvazzjoni tal-punti "A"

**Lista mhux leġiżlattiva** 9640/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 9640/22 inkluż id-dokumenti COR u REV preżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.



## SUQ INTERN U INDUSTRIJA

### Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

**(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**

### 3. Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur

*Approċċ ġenerali*

  9433/1/22 REV 1  
+ REV 1 COR 1  
+ ADD 1



Il-Kunsill adotta approċċ ġenerali kif jinsab fid-dokument 9433/1/22 REV 1 + REV 1 COR 1.

Dikjarazzjoni konġunta mill-Estonja u l-Litwanja hija annessa għal dawn il-minuti tal-Kunsill.

### 4. Regolament li jistabbilixxi qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tas-semikondutturi (Regolament dwar is-semikondutturi)

*Rapport ta' progress*

*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

  9361/22  
9178/22  
6170/22 + ADD 1


Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress kif jinsab fid-dokument 9361/22.

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq il-mistoqsijiet li jinsabu fid-dokument 9178/22.

### Attivitajiet mhux leġiżlattivi

### 5. It-tisħiħ tar-reżiljenza tal-ekosistemi industrijali strateġiċi tal-Ewropa

*Dibattitu ta' orjentazzjoni*


 9179/22

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq il-mistoqsijiet li jinsabu fid-dokument 9179/22.

## Affarijiet oħra

6. a) **Proposti leġislattivi attwali**  
(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

**Direttiva rigward l-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi  
għat-tranżizzjoni ekoloġika**  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

 7808/22 + ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni provduta mill-Presidenza.

- b) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka*

## LAQGH TAL-ĠIMGĦA 10 TA' ĠUNJU 2022

### Attivitajiet mhux leġislattivi

#### RIĊERKA

7. **Konklużjonijiet dwar il-missjonijiet Ewropej**  9517/1/22 REV 1  
*Approvazzjoni* + ADD 1

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 10124/22. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka hija annessa għal dawn il-minuti tal-Kunsill.

8. **Konklużjonijiet dwar il-valuri u l-prinċipji għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni**  9524/1/22 REV 1  
*Approvazzjoni* + ADD 1-2

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 10125/22. Dikjarazzjoni mill-Kunsill u dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka huma annessi għal dawn il-minuti tal-Kunsill.

9. **Konklużjonijiet dwar l-evalwazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-xjenza miftuħa**  9515/22 + ADD 1  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 10126/22. Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka hija annessa għal dawn il-minuti tal-Kunsill.

10. **Appoġġ għar-riċerkaturi żgħażaġh fi żminijiet ta' kriżi**  9182/22  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq il-mistoqsijiet li jinsabu fid-dokument 9182/22.

#### SPAZJU

11. **Konklużjonijiet dwar Copernicus sal-2035**  9389/22  
*Approvazzjoni*

Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 10070/22.

12. **Konklużjonijiet dwar approċċ tal-UE għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali**  9395/22  
*Approvazzjoni*


Il-Kunsill approva l-konklużjonijiet kif jinsabu fid-dokument 10071/22.

13. **Reżiljenza u kompetittività tal-programm spazjali tal-Unjoni**  9175/22  
*Dibattitu ta' orjentazzjoni*

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq il-mistoqsijiet li jinsabu fid-dokument 9175/22.

#### Affarijiet oħra

##### Riċerka

14. a) **Avvenimenti u attivitajiet matul il-Presidenza Franċiża**  9455/22  
*Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni provduta mill-Presidenza.

- b) **Is-sitwazzjoni attwali tal-implimentazzjoni tal-governanza l-ġdida taż-Żona Ewropea tar-Riċerka**  9578/22  
*Informazzjoni mill-Kummissjoni*

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni provduta mill-Kummissjoni.

- c) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka*

Spazju

- d) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss  
*Informazzjoni mid-delegazzjoni Ċeka*

- 
- ❶ L-ewwel qari
- ❷ Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
- ❸ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

**Dikjarazzjonijiet għall-punti leġislattivi "B" li jinsabu fid-dokument 9634/22**

**Dwar il-punt "B"**      **Direttiva dwar il-kreditu għall-konsumatur**  
**nru 3:**                      *Tħejjija ta' approċċ ġenerali*

**DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ESTONJA U L-LITWANJA**

"L-Estonja u l-Litwanja jilqgħu l-objettiv ewlieni tal-proposta tal-Kummissjoni li timmodernizza u ssaħħaħ ir-regoli dwar il-kreditu għall-konsumatur sabiex jiġu indirizzati l-bidliet li ġġib magħha d-diġitalizzazzjoni filwaqt li jinħoloq livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur u jiġi megħjun il-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Madankollu, dan għandu jinkiseb permezz ta' bilanċ raġonevoli li fost affarijiet oħra jevita piż bla bżonn fuq il-kummerċjanti u interferenza sproporzjonata fi swieq li jiffunzjonaw tajjeb.

F'dan il-kuntest, aħna nilqgħu t-test ta' kompromess finali tal-Presidenza Franċiża, għaliex hemm ħafna aspetti li jieħdu kont ta' dawn il-prinċipji sottostanti. Madankollu, mill-bidu tajna l-appoġġ tagħna biex neskludu kreditu mingħajr imgħax u mingħajr ebda imposta oħra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva kif inhu l-każ bħalissa. Fil-fehma tagħna, l-inklużjoni ta' dawn it-tipi ta' kreditu ġġib magħha piż sproporzjonat għall-kummerċjanti u għall-awtoritajiet superviżorji u tista' ċċaħħad lill-konsumaturi minn offerti ta' benefiċċju għalihom. Għalkemm konna nippreferu approċċ aktar ambizzjuż f'dan ir-rigward, nistgħu nappoġġaw it-test, li jippermetti l-applikazzjoni ta' reġim proporzjonat u xi esklużjonijiet immirati ta' dan it-tip ta' kreditu.

Għalhekk, aħna nħeġġu li jiġi ppreservat il-bilanċ delikat li ksibna u li nikkunsidraw l-argumenti msemmija hawn fuq matul in-negozjati li ġejjin mal-Parlament Ewropew."

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 7:**

**Konklużjonijiet dwar il-missjonijiet Ewropej**  
*Approvazzjoni*

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 9:**

**Konklużjonijiet dwar l-evalwazzjoni tar-riċerka u l-implimentazzjoni tax-xjenza miftuħa**  
*Approvazzjoni*

## **DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE."

**Dwar il-punt "B"**  
**nru 8:**

**Konklużjonijiet dwar il-valuri u l-prinċipji għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni**  
*Approvazzjoni*

## **DIKJARAZZJONI MILL-KUNSILL**

### **dwar l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq ir-R&I**

"Il-Kunsill jenfasizza li l-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna hija ksur gravi tad-dritt internazzjonali u qed tirriżulta f'għadd kbir ta' nies mejta u midruba fost il-popolazzjoni ċivili. Ir-Russja qed tidderieġi attakki kontra l-popolazzjoni ċivili u qed timmira għal objettivi ċivili, inkluż istituzzjonijiet xjentifiċi, bħal universitajiet, istituti ta' riċerka u libreriji. Il-gwerra pperikolat ix-xenarju tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ukrajna u dgħajfet ir-relazzjonijiet xjentifiċi sodi mal-komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni taż-żewġ pajjiżi.

Il-Kunsill ifakkar li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif ukoll il-promozzjoni ta' relazzjonijiet paċifiċi fost in-nazzjonijiet jiffurmaw is-sisien tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni u li l-ksur ta' dawn il-prinċipji u l-valuri joħloq theddida serja għal riċerkaturi individwali.

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon ir-reazzjoni rapida tal-Kummissjoni u l-Istati Membri bit-tnedija tal-portal [ERA4Ukraine](#) fil-qafas tan-network Euraxess bħala punt uniku ta' servizz għall-informazzjoni dwar l-appoġġ għar-riċerkaturi tal-Ukrajna mill-UE, l-Istati Membri tagħha u l-Pajjiżi Assoċjati. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-ERA4Ukraine huwa biss waħda mill-ħafna inizjattivi attwali tal-Kummissjoni, l-Istati Membri, diversi organizzazzjonijiet kif ukoll membri individwali tal-komunità tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE biex jiġu appoġġati r-riċerkaturi u l-istudenti Ukreni u jappella għal aktar azzjonijiet b'rabta mal-Ukrajna.

Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjoni li jiġu sospiżi l-kooperazzjoni eżistenti u kooperazzjoni ġdida ma' entitajiet pubbliċi fir-Russja u l-Belarusja mibdija mill-Kummissjoni fi ħdan il-Programmi Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Ewropej u programmi rilevanti oħra tal-UE, kif ukoll il-miżuri meħuda fil-livell tal-Istati Membri. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex regolarment tipprovdi informazzjoni f'dan il-kuntest.

Il-Kunsill jisħaq għalhekk fuq il-hteġa li jiġu implimentati aktar mekkaniżmi koordinati, filwaqt li jitqiesu l-miżuri nazzjonali eżistenti, sabiex jingħata appoġġ lir-riċerkaturi u l-istudenti li huma mġiegħla jaħarbu jew jinsabu mhedda minħabba l-aggressjoni militari tar-Russja. Barra minn hekk, il-Kunsill jenfasizza l-hteġa li jingħata appoġġ xieraq li jippermetti lill-Ukrajna żżomm u tikseb lura l-kapaċitajiet tagħha ta' edukazzjoni għolja u dawk xjentifiċi.

Il-Kunsill jenfasizza f'dan il-kuntest ir-rilevanza tad-diplomazija xjentifika bħala għodda importanti biex jintlaħqu l-valuri u l-prinċipji tal-kooperazzjoni internazzjonali kif ukoll għall-ħolqien ta' rabtiet bejn il-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni u l-għanijiet strateġiċi ġenerali."

## **DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA**

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija mnaqqxa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Għal dawn ir-raġunijiet, f'formulazzjonijiet li jirreferu għall-ġeneru, il-Polonja ser tinterpretah bħala ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Artikolu 8 TFUE."